MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 264/2004

**Maltacom plc**

**Vs**

**Vella Group Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm479.43c) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati mis-socjeta' konvenuta lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici waqt xoghlijiet f'Mosta Square, Mosta fis-17 ta' Jannar, 2002.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet li l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' esponenti ma kkawzat l-ebda hsarat.

Ra d-dokumenti esebiti u sema’ x-xhieda ta’ Victor Busuttil u Ray Cachia.

Ra l-atti kollha tal-kawza u li fis-seduta ta’ l-10 ta’ Gunju, 2004 il-kawza giet imhollija ghall-provi kollha li fadal tal-partijiet ghall-21 t’Ottubru, 2004 u li fis-seduta tal-21 t’Ottubru, 2004 is-socjeta’ attrici ezawriet il-provi taghha filwaqt li s-socjeta’ konvenuta la dehret u lanqas resqet provi u ghalhekk il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difett d’ostakolu ghas-seduta tal-lum.

Ra li ma saret l-ebda talba sabiex dan it-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u ghalhekk it-Tribunal qieghed jipprocedi bl-istanti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-17 ta’ Jannar, 2002 is-socjeta’ konvenuta kienet qed taghmel xoghlijiet fit-toroq tal-Mosta u fil-kors ta’ l-istess xoghlijiet is-socjeta’ konvenuta laqtet u kkawzat hsara f’wiehed mill-*cables* tas-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ attrici nkarigat in-nies minn taghha stess sabiex isiru r-riparazzjonijiet relattivi u l-kont ta’ l-istess riparazzjonijiet tela’ ghal mija w erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm154.23c) bhala materjal supplit u mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm262.67c) bhala *labour*. Is-socjeta’ attrici qed titlob ukoll tnejn u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm62.53c) rapprezentanti VAT fuq l-imsemmija zewg ammonti biex b’hekk talbet is-somma komplessiva ta’ erba’ mija u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm479.43c).

Mill-provi jirrizulta wkoll illi qabel ma sehh l-incident in kwistjoni, kienu ilhom ghaddejjin ix-xogholijiet u kuljum is-socjeta’ attrici kienet tibghat persuna biex tindika lis-socjeta’ konvenuta minfejn kienu ghaddejjin il-*cables* izda gara li fit-3 ta’ Jannar 2002, is-socjeta’ konvenuta ssospendiet ix-xoghlijiet u naqset milli tavza lis-socjeta’ attrici li kienet regghet bdiet fis-17 ta’ Jannar, 2002 u b’hekk sehh l-incident in kwistjoni.

Skond id-dokument esebit a fol 18 tal-process hemm miktub:

“Should the contractor, company and/or individual executing works, temporarily suspend the works for any period of time, the procedure under Clause 4 is to be repeated to that effect.”

Imbaghad skond il-klawsola 4 ta’ l-imsemmi ftehim hemm specifikat illi qabel ma jsir xoghol ta’ l-iskavar ghandhom javzaw lis-socjeta’ attrici mill-inqas tlett ijiem tax-xoghol minn qabel biex b’hekk is-socjeta’ attrici tkun tista’ tiddelega persuna adatta biex tindika ezattament fejn huma ghaddejjin il-*cables* relattivi.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta m’avzatx lis-socjeta’ attrici li regghet bdiet ix-xoghlijiet u konsegwentament, meta regghet bdiet tahdem fuq is-sit in kwistjoni, bdiet taghmel ix-xoghlijiet bl-ghama minghajr ma taf fejn huma ghaddejjin il-*cables* u b’hekk sehh l-incident.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ghal dan l-incident tahti biss is-socjeta’ konvenuta li ma haditx il-kura w attenzjoni li kien impost fuqha mill-ftehim milhuq bejnha u bejn is-socjeta’ attrici w inoltre, s-socjeta’ konvenuta naqset milli ggib xi prova skuzanti li tiggustifika l-operat taghha. Certament il-konkluzjoni dwar responsabbilta’ kienet tkun differenti kieku:

“Il-konvenut ottempera ruhu mal-kundizzjonijiet kollha tal-permess billi qabel ma beda x-xoghol sejjah rapprezentant tas-socjeta’ attrici biex jigi ndikat fejn kien ghaddej il-cable.” **(Vide Citazzjoni Numru 1370/2000 Maltacom p.l.c. Vs Philip Agius and Sons Limited - PA (AJM) 2/10/2002)**

Ghar-rigward tal-*quantum* mitlub, dan ukoll jirrizulta pruvat. L-ammont mitlub gie kkonfermat bil-gurament minn Ray Cachia u bl-ebda mod ma gie kkritikat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta’ Jannar, 2002 meta l-istess socjeta’ konvenuta laqtet *cable* tas-socjeta’ attrici fil-kors tax-xoghlijiet li l-istess socjeta’ konvenuta kienet qed taghmel il-Mosta u li konsegwentament ghandha thallas id-danni mitluba ammontanti ghal erba’ mija u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm479.43c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet b’effett mit-18 ta’ Marzu, 2004 (data tan-notifika ta’ l-Avviz) kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------